IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**

**MINUTI tal-Laqgħa A 31**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**It-Tlieta 9 ta' Lulju 2013 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur George Attard | Membru |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sra Joan Ann Farrugia Galea | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.00 pm

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv komunikazzjoni li kellha mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħidma tagħha fil-Kumitati Amministrattivi. Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv mad-DLG

Id-Dipartiment ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex minħabba ċirkostanzi familjari tkun tista' tiddelega b'mod temporanju t-teħid tal-minuti tal-laqgħat lill-Assistent Prinċipali fl-istess Kunsill.

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A28**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A28 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-minuti ġew approvati. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A28

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A28** Punti li joħorġu mill-Minuti A28

2.01 3.01 Ġie deċiż li tintbgħat 'reminder' lil Transport Malta. *Double Yellow Lines* fi Triq il-Lewż


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

2.02 3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li din il-kwotazzjoni ser tiġi aġġudikata waqt il-laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni nhar l-Erbgħa 10 ta' Lulju 2013, li għaliha iċ-Ċerpersin Paul Grech li huwa membru tal-istess bord ser ikun preżenti. Kwotazzjoni tat-tindif u ż-żamma tal-latrina pubblika

2.03 5.01 Ġie deċiż li ssir applikazzjoni ma' TM sabiex isiru s-sinjali tat-traffiku tul it-triq kollha minfok sinjal quddiem residenza waħda. Talba għal 'double yellow line'

2.04 5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt il-laqgħa ta' konsultazzjoni dwar l-applikazzjoni (PA 6153/08) ta' żvilupp fi Triq l-Qastan, Triq Dun Saverin Bianco u Triq Patri Tumas Xerri, hija qajmet dan il-każ quddiem il-MEPA fejn tkellmet dwar il-problema li hemm fil-Baħrija minħabba li l-fossa mhux qed tlaħħaq mad-domanda tan-nies. Sistema tad-drenaġġ

Il-Kumitat qabel li niktbu lill-Ministru Konrad Mizzi li huwa responsabbli mill-enerġija u l-konservazzjoni tal-Ilma sabiex jintervjeni f'din il-materja.

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 29**

3.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A29 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. Il-minuti ġew approvati.

4.00 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti A 30**

4.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A30 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur George Attard. Il-minuti ġew approvati.

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Paul Galea kkummenta dwar il-fatt li l-*patching* f'Tas-Sirena kien għadu ma sarx. *Patching* f'Tas-Sirena

5.02 Is-Sur Paul Galea talab li jsir il-qtugħ ta' ħaxix f'Tas-Sirena. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Grech. Qtugħ ta' ħaxix f'Tas-Sirena

5.03 Is-Sur Paul Galea ppropona li l-Arriva hi u dieħla l-Baħrija tgħaddi mit-telgħa tal-Baħrija u hi u ħierġa tgħaddi mil-Landrijiet. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Grech. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Arriva dwar din il-proposta. Il-Kumitat Talba biex l-Arriva tidħol il-Landrijiet

qabel.

5.04 Is-Sur George Attard staqsa jekk hemmx xi informazzjoni dwar il-*Wind Farm*. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ma kien hemm l-ebda zviluppi. *Wind Farm*

5.05 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li attendiet għal-laqgħa ta' konsultazzjoni li saret il-MEPA dwar l-applikazzjoni (PA 6153/08) ta' żvilupp fi Triq l-Qastan, Triq Dun Saverin Bianco u Triq Patri Tumas Xerri. Hija kompliet billi qalet li waqt din il-laqgħa hija saħqet li l-Kunsill kif ukoll il-Kumitat Amministrattiv tal-Bahrija m'għandhomx fondi biex jagħmlu l-manutenzjoni fuq il-ġnien li hemm propost li jiġi mghoddi lill-Kunsill Lokali. Applikazzjoni mal-MEPA dwar bini ta' blokk appartamenti fi Triq Patri Tumas Xerri

5.06 Is-Sur George Attard ilmenta dwar il-fatt li l-ħaxix ħażin fi Triq il-Lewż kisser il-bankina kollha. Bankina fi Triq il-Lewż

5.07 Is-Sur Paul Grech talab li jsir il-*patching* fi Triq il-Ġnien tal-Marġa. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. *Patching* fi Triq il-Ġnien tal-Marġa

**6.00 Affarijiet Oħra**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-Kunsill għamel xogħol ta' *patching* ġewwa Fomm ir-Riħ u Wied Rini. Dan ix-xogħol ġie ffinanzjat mill-Kunsill. *Patching* ġewwa Fomm ir-Riħ u Wied Rini

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informat il-laqgħa li l-Kumitat Amministrattiv irċieva kif ġiet imqassma l-allokazzjoni. Allokazzjoni Finanzjarja

**7.00 Aġġornament**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 13 ta' Awwissu 2013 fis-6.00 p.m. Aġġornament

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 pm.

Paul Grech

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

Orietta

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**